MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 472/2007

Bank of Valletta p.l.c (C 2833)
vs
1. Carmelo Farrugia Melfar Limited (C 2687)
2. Joseph u Brenda mizzewgin Farrugia
3. Carmelo u Carmelina mizzewgin Farrugia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

Illi in forza ta’ kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu in atti Nutar Dottor Victor John Bisazza datat fid-29 ta’ Frar 2000 (Dok.”A”), l-intimati iddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ erba’ mija u sitta u erbghin elf, sitt mija u tmienja u disghin Liri Maltin

(Lm446,698) oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effetiv.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu ta' l-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l-kuntratti datati fid-29 ta' Frar 2000 in atti Nutar Dottor Victor John Bisazza (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta' l-intimati kollha li permezz taghha issottomettew li t-talba tas-socjeta` rikorrenti ghandha tigi michuda u dan peress li huma mhux debituri kif allegat fir-rikors promotur tas-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Xehed Raymond Aquilina, *Senior Relationship Manager* fir-*Recoveries Department* mal-Bank of Valletta u qal li fiz-zmien tal-kuntratt kien il-Valletta Investment Bank li llum il-gurnata huwa inkorporat gol-Bank of Valletta. Semma li jekk illum tahdem il-bilanc li kien hemm dakinhar li gie *acknowledged* jigifieri Lm189,417, jekk tiehdu bl-8% *simple interest*, minn dik id-data sallum, hadimha sad-19 ta' Novembru, 2007 hemm bilanc li ghadu dovut ta' Lm306,492.27 u esebixxa Dokument RA1, prospett li jindika l-ammont indikat kif semma.

Semma li kienu qablu hu u s-Sur Joe Farrugia dwar fejn ghandhom jidhlu l-flus wara bejgh ta' proprjeta`. Illum

peress li l-VIB gie inkorporat mal-BOV, l-*account* li kien hemm il-VIB spicca ghand ix-xhud ukoll bhala BOV, allura kien gie miftiehem li jinqatghu, ma taghmilx differenza mil-liema bank jinqatghu fil-fatt.

In segwitu ipprezenta affidavit li fih wera l-kalkoli ta' l-ammonti dovuti mill-kumpanija sal-15 ta' Awissu, 2008, dejjem mahduma bl-imghax ta' 8%. Semma l-bilanc ta' *account* 38900085016 fl-ammont ta' €739,948.97 u account numru 10750596016 ghall-ammont ta' €1,426,637.16 u account numru 40010292871 spejjez legali ghal €32,050.25 b'total ta' €2,198,636.38. Dawn kienu originaw permezz ta' kuntratti ta' 29/02/2000 bl-ewwel ammont indikat li kien originarjament Lm189,417, u t-tieni wiehed indikat kien ghal Lm446,698. Saru diversi bejghijiet ta' bicciet ta' proprejta` u l-flus introjtu gie depozitat fil-kont numru 10750596016. Semma dettaljatament l-ammonti ta' dhul u d-data tad-depoziti, kif tidher a fol 33 tal-process.

Xehed Jonathan Fenech Adami li jahdem mal-Bank of Valletta fil-kariga ta' *Executive Head, Business Lending,* il-*Head Office*. Xehed li kull ma kellu x'jaqsam fil-bicca xoghol kien li dak iz-zmien kien il-*Branch Manager* tal-Gzira, u kontijiet ta' Carmelo Farrugia Melfar Limited kienu fil-*Branch* tal-Gzira. Zied li dwar kostituzzjoni ta' debitu mhux hu li kellu x'jaqsam.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Farrugia, Direttur ta' Carmelo Farrugia Melfar Limited, fejn issemma li wara diversi inkontri kien sar kostituzzjoni ta' debitu fi Frar, 2000 gew iffirmati zewg kuntratti, wiehed mal-Bank of Valletta u l-iehor mal-Valletta Investment Bank. Pagamenti mill-bejgh ta' proprjeta` gew depozitati fil-bank. Ma qabilx mas-sistema uzata mill-bank fejn id-debitu kapitali ma jonqosx u li kawza ta' hekk il-bilanc tad-debitu mizjud bil-bilanc ta' interessi gie akbar.

Xehed Timmy Camilleri *Accountant* mal-*Melfar* bhala *part-timer* u dwar id-dokument fol 61 tal-process semma li dan kien rah qabel u kien ghamlu l-Bank of Valletta. Jinhadem

fuq imghax ta' 8%, u *re-payments* imorru biex inaqqsu l-kapital. Zied jghid:
"Nghid illi fil-fatt mistoqsi dwar kif jien wasalt ghall-asserzjoni tieghi li l-ewwel taqta' l-kapital imbaghad l-imghax nghid li fil-fatt jien kont gejt mghoddi *diskette* li kien ghaddihieli d-direttur tal-kumpanija taghna li meta wiehed kien jistudja din id-*diskette* wiehed kien irid jistudja l-*formulae* li hemm dwar il-kaz. Minn dawn il-*formulae* kien jidher car li l-ewwel jitnaqqas il-kapital u jiena qed nghid dak li qed nghid a bazi ta' l-informazzjoni li harget mill-*formulae* li kien hemm fil-*diskette*. Ghandi nghid illi fil-fatt jien kont indunajt illi d-*diskette* kienet ippreparata mill-*Bank of Valletta* minhabba l-*label* taghha, il-*label* interna taghha. Id-*diskette* qeghda ghand id-direttur sa fejn naf jien… Bhala matematika huwa aktar vantagguz ghad-debitur li jinqata' mill-kapital."

Xehedet <u>Vanessa Bugeja</u> li semmiet li kienet tahdem mal-*Bank Of Valletta* fil-kariga ta' *Relationship Manager* u spiccat fl-2008. Kienet ippreparat dokumenti fuq *Carmelo Farrugia Melfar Limited*. Semmiet li hi kellha xoghol klerikali li kien *typing*, *filing*, affarijiet hekk, jista' jkun li ippreparat xi *spreadsheets*, pero` ma setghetx tahlef li ippreparat ta' *Carmelo Farrugia Melfar*. Illi fuq l-*ispreadsheets*, kif kienu jikkonsistu, qalet li jezistu diversi *spreadsheets*, statistici, bilanci, affarijiet hekk.

Giet esebita diska fl-10 ta' Lulju, 2009.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti sejra tibda billi tikkwota estensivament mis-sentenza moghtija minnha stess kif presjeduta fl-10 ta' Dicembru, 2007, Rikors Numru 36/05FS, fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Francis Bezzina Wettinger**, fejn inghad:
"***<u>D1. Il-Kap 12 Artikolu 258 jghid:</u>***
Wara
(*a*) l-gheluq ta' ghaxar snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (*a*) , (c) u (*d*) ta' l-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' gie esegwit; jew,…

l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut.

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (Imh R Pace) fil-kawza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli *et*** deciza fit-18 ta' April, 2002 inghad:
"Illi minn dan jidher li l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh."

Illi din il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok ghal dak li inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **"Joseph Perici Calascione vs Mario Fenech"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2000) u cioe` li:
"Li l-Qorti thoss li apparti l-fatt li l-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-Qorti f'procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-ezistenza ta' l-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kononizzat li jkun ghadu ma thallasx…

Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **George Pace vs Charles Gauci** (u mhux fl-ismijiet li bi svista kkwota l-konsulent legali tal-attur) citaz 665/1997/1 tal-24 ta' Novembru, 2004 per Imhallef Philip Sciberras inghad:
"dan ma setax jissolleva eccezzjonijiet fil-meritu f' kawza ghall-awtorizzazzjoni ta' ezekuzzjoni ta' sentenza. Dan anke ghaliex eccezzjonijiet konsimili setghu dejjem jigu facilment sollevati fil-proceduri antecedenti li wasslu ghas-sentenza. Kif kienet irragunat is-sentenza fl-ismijiet "**Emmanuele Falzon *proprio et nomine* -vs- Joseph Vella *et***", Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taccetta l-principju li l-konvenut jithalla jqajjem eccezzjonijiet fil-meritu tkun qeghda tiftah il-bieb ghall-abbuzi fis-sens li konvenut jinghata l-opportunita` li jtawwal il-proceduri kontrih;

Huwa evidenti minn din l-osservazzjoni illi f’ kawza ta’ din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-gdid tal-kreditu tieghu izda biss awtorizzazzjoni biex jezegwixxi titolu ezekuttiv gja kanonizzat bis-sentenza precedenti. F’ dan is-sens hi d-decizjoni fl-ismijiet “**John Portelli *nomine* -vs- Henry Azzopardi *proprio et nomine***”, Appell, 29 ta’ Mejju 1997.

Illi l-istess inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **“Carmelo Borg vs Rosaria Vella”** (P.A. (RCP) 31 ta’ Mejju 2000):
“Illi dwar it-tieni kawza citata, fejn allegatament qed tigi attakkata l-validita’ tal-ewwel kuntratt citat, din ukoll ma hijiex ostakolu ghal din il-procedura, limitata fl-iskop taghha ghal dak indikat fl-**Artikolu 258 tal-Kap 12** u xejn izjed, hlief l-accertament li l-att partikolari li qed tintalab l-esekuzzjoni tieghu wara hames (5) snin ikun wiehed mit-titoli ezekuttivi indikati fl-**Artikolu 253 tal-Kap 12”.**

***<u>D2. L-imghaxijiet u ultra duplum:</u>***
Il-konvenuti qedghin jibbazaw parti mid-difiza taghhom fuq il-kuncett tal-***ultra duplum*** [li l-imghax ma ghandux jeccedi l-kapital fil-kuntratt tal-mutwu]**.** Il-ligi L.27.C. ***de usuris*** gejja mid-dritt Ruman. Diversi drabi l-Qrati taghna ddecidew li din ghada applikabbli peress li ma gietx abrogata bl-Ordinanza VII tal-1868.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti sentenzi rigward dan il-kuncett:
PA **Baldassare Randon *et* vs Regina Apap *et*** 26/6/1881 – Vol V – 567;
PA **Nutar Giuseppe Raimondo Psaila *nomine* vs Francesco S Psaila *et*** 22/3/1878 – VIII – 471;
PA **Lorenza Vassallo vs Francesco S Palmier *et*** 31/3/1878 – Vol VIII – 586;
App **Giovanni di Lorenzo Pace Balzan vs Giuseppe Muscat** 27/4/1883 – X – 128;
App **Francesco Spiteri vs Hon Adolfo Sciortino *noe*** 18/10/1886 XI – 178
App **Vincenzo Bugeja C.M.G. vs Giuseppe Mirabita *et*** 29/4/1887 – XI – 310

Kum William **Leonard *noe et* vs Dr Francesco Sammut *noe*** 1/10/1887 – XI – 398;
Kum **Catarina Darmanin vs Dr Filippo Preziosi** 31/3/1890;
App **Konkors tal-Kredituri tal-Konti Fontani-Manduca** 26/3/1897 ;
PA **Zarb vs Dimech** 2/2/1903 XVIII-II-226;
PA **Vella vs Formosa** 9/12/1920 XXIV - II -361;
App Civ **Azzopardi vs Chetcuti** 15/10/1926;
PA **Decelis vs Briccio** 27/1/1926 XXVI-II-231;
PA **Massa vs Sciberras** 9/11/1927 – XXVI-II- 503;
Kum **Apap vs Bartolo** 23/1/1939 – XXX-III-414;
**Tabone vs Cannataci** 6/3/1946 – XXXII-II-249;
PA **Vassallo vs Ballucci** 30/4/1947 XXXIII-II-64;
Kum **Bonello vs Lanzon** 14/1/1964 – XLVIII-III-1363;
Kum **Galea vs Mifsud Bonnici** 16/10/1974;
Kum **Camilleri vs Xuereb** 11/3/1980.
Dawn jikkonfermaw li l-imghax li ma jkunx thallas ma jistax jeccedi l-kapital. L-ammont tal-lukri mhux imhallsa huwa limitat sal-ammont tal-kapital dovut. L-imghax mhux imhallas perjodikament ma ghandux jissupera l-kapital li fuqu jkun dovut.

***D3. Talba ghal kundanna hlas. Jistghu l-imghax fuq is-sorte jaqbzu l-istess sorte?:***

Izda ghalkemm ir-regola dwar l-*ultra duplum* tezisti din tirreferi ghal mutwu. Ir-regola li l-imghax ma ghandux jeccedi l-kapital hija applikabbli ghall-kuntratt ta' mutwu u matul iz-zmien li l-imsemmi kuntratt ikun ghadu ghaddej. **F'Vassallo vs Baluci** fuq imsemmija gie deciz li r-regola tal-*ultra duplum* mhux applikabbli ghal kuntratt ta' *overdraft*.

Izda hawn wiehed jinnota li dak li qieghed jintalab huwa dwar sentenza finali u mhux dwar kuntratt ta' self. Jistghu l-imghax fuq is-sorte jaqbzu l-istess sorte? Hawn ma ghandniex il-kuntratt ta' self izda istitut iehor [ara **Leonard vs Sammut** fuq imsemmija]. Dawn huma d-danni sofferti mill-kreditur. Ir-regola tal-*ultra duplum* ma hix applikabbli fil-kaz ta' kanonizazzjoni ta' flus b'sentenza. Wara s-sentenza msemmija l-ammont sar somma kanonizzat b'sentenza u certament wiehed ma jistax iwaqqaf l-

imghax ghax altrimenti jkun jikkonveni lid-debitur li ma jhallasx u ma jigrilu xejn. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-20 ta' Lulju, 1994 fl-ismijiet **Francis Penza vs John Mallia** fejn l-imsemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell – Sede Kummercjali rriteniet is-segwenti:-

"Il-ligi taghna difatti ma tistax tkun iktar cara u esplicita minn dak li tistupula fl-Art. 1139 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u cioe`:

'jekk l-obbligazzjoni li jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija.'

Ikun hemm uzura ghalhekk jekk, ghall-grazzja tal-argument il-kreditur jitlob penali oltre l-interessi jew inkella jekk jitlob imghaxijiet li jissuperaw it-tmienja fil-mija fis-sena (ara Art. 1852 ta' l-istess Kap) imma, altrimenti, ir-regola li tipprojbixxi l-*ultra duplum* ma tirreferix, ma tapplikax, u ghalhekk wkoll ma tistax tigi estiza ghal obbligazzjonijiet bhal din il-kawza meta l-ligi stess tipprovdi xort'ohra.

In-natura ta' 'danni' inerenti f'dan ix-xorta ta' interessi tant hija netta u mmarkata li fl-Art. 1140 tal-Kap 16 insibu wkoll li tali nteressi ghandhom jithallsu minghajr ma jkun mehtieg li l-kreditur jipprova li bata xi telf. Illi li kieku l-Qorti kellha taccetta l-argument ta' l-appellant il-konsegwenza tkun li meta procediment ta' kawza jidher tul aktar milli previst biex jigi determinat allura awtomatikament ikun jfisser li f'kaz li l-ezitu jkun sfavorevoli ghad-debitur, id-dewmien ikun qieghed jivvantaggja u jippremja lilu ghaliex l-interessi dovuti in linja ta' danni ma jkunu qatt jistghu jissuperaw il-kapital u dana meta l-ligi in kwistjoni ma tghid xejn minn dak u *quid lex voluit, dixit*."

L-intimati jsostnu li l-imghax kellu jghaddi fuq il-kapital biss u mhux il-kapital u l-imghax. L-intimati sostnew li bil-mod kif inhadmu l-kontijiet mill-bank dan iwassal ghal interessi komposti. Il-Qorti tirrileva pero` li dak li hemm fil-kostituzzjoni ta' debitu ma jistax jigi attakkat sakemm ma

jingiebux provi ta' kawza li tattakka l-istess kuntratt jew xi ittra tal-bank ta' rinunzja. Imkien matul il-proceduri ma gie asserit li l-kostituzzjoni ta' debitu huma zbaljati. Jidher car li hemm is-somma likwidata u wara l-imghax ghaddejjin. Il-Qorti ma thossx li ghandha tvarja b'ebda mod il-konteggi maghmula mill-bank ghax dawn jidhru validi u infatti l-unika asserzjoni ta' l-intimati hija l-metodu kif inhadmu l-imghaxijiet, ma' liema sottomissjoni din il-Qorti ma taqbilx. Ma gie prodott ebda dokument li l-imghax kellu jinhadem bil-metodu suggerit mill-intimati u l-uniku tip ta' prova, li mhix konvincenti hija d-*diskette* imsemmija, izda fil-fehma tal-Qorti n-natura tal-provi dwar id-*diskette* m'humiex konvincenti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi kuntrarjament ghal dak sostnut mill-intimati, irrizulta li huma debituri kif allegat fir-rikors promotur tas-socjeta` rikorrenti.

Ghalhekk tawtorizza lill-Bank of Valletta p.l.c. jezegwixxi l-kuntratt datat 29 ta' Frar, 2000 inkluz l-imghaxijiet kif spjegat dettaljatament a fol 32 tal-process fl-affidavit ta' Raymond Aquilina, u b'hekk sal-15 ta' Awissu 2008 jammonta ghal €1,426,637.16 riferibbilment ghal *account* 10750596016 u €32,050.25 riferibbli ghall-kont 40010292871 (peress li l-ispejjez legali qed jitqiesu kollha f'din il-kawza essendo li l-partijiet huma identici) u b'hekk jammontaw ghal €1,458,687.41 oltre imghaxijiet sad-data tal-hlas.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------